MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 1542/2004/1

**Emanuel u Inez konjugi Spiteri f' isimhom *proprio* u kif ezercenti n-negozju bhala Qormi Aluminium (I.D. 149854M u 1000350M rispettiament)**

**vs**

**John u Anna konjugi Peresso (I.D. 724646M u 297648M rispettivament)**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Lulju 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' elf u tmienja u hamsin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm1,058.79c) rapprezentanti l-bilanc ta' ammont dovut mill-konvenuti ghall-*aluminium* u accessorji ta' l-*aluminium*

mibjugha u kkonsenjati mill-atturi fuq ordni u nkarigu ta’ l-istess konvenuti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuti fl-ewwel lok qalu:

a. Li l-eccipjenti m’humiex il-legittimi kontraditturi;

b. Fit-tieni lok qalu li l-ammont pretiz huwa preskritt ai termini ta’ l-Artikolu 2149(a); u

c. Fit-tielet lok l-istess konvenuti qalu li l-ammont imsemmi mhux dovut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ Emanuel Spiteri fejn jikkonferma li John Peresso kien jixtri min-negozju tieghu Qormi Aluminium. Jghid illi hafna drabi kien jibghat lit-tifel tieghu.

Jghid illi l-konvenuti kienu jitolbu ghall-iktar hin sabiex ihallsu. Jikkonferma li l-konvenut fit-23 ta’ Gunju, 1998 tah mitejn lira Maltin (Lm200), fl-4 ta’ Gunju, 1999 tah mitejn lira Maltin (Lm200) ohra u fil-21 t’Ottubru, 1999 tah mija u hamsin lira Maltin (Lm150). Spiteri jikkonferma wkoll illi kien mar personalment fil-hanut tal-konvenut u tah mija u hamsin lira Maltin (Lm150) *cash*.

Jghid illi l-ahhar pagament li ghamel il-konvenut kien f’Ottubru 1999.

Ra x-xhieda ta’ John Peresso fejn jikkonferma xi firem tieghu fuq id-dokumenti esebiti minn Emanuel Spiteri. Jghid li hemm xi firem tat-tifel tieghu wkoll. Ma jiftakarx jekk qattx baghat lill-impjegat tieghu Dione biex jigbor xi xoghol.
Jghid illi ma jiftakarx l-ahhar pagament li sar lill-attur izda jghid li m’ghandux x’jaghti iktar lil Spiteri.

Jikkonferma li jirrapprezenta kumpanija jisimha J. Peresso Aluminium Limited.

Jghid illi l-attur qatt ma baghtlu *statement* f'isem din il-kumpanija.

F'xhieda ohra ta' John Peresso jghid illi personalment qatt ma kellu x'jaqsam man-negozju Qormi Aluminium. Jikkonferma li J. Peresso Aluminium Limited kienet tixtri *profiles* b'*cheques* tal-kumpanija stess minghand Qormi Aluminium. Jghid illi qatt ma hallas *cash*.

Fil-kontro-ezami jghid illi t-tifla tieghu kellha hanut tad-DVD's. Il-permess ta' dan il-hanut kien fuqu u jikkonferma wkoll illi gieli kien f'dan il-hanut. Jichad illi Emanuel Spiteri kien mar ikellmu f'dan il-hanut. Jichad ukoll li kien hallsu *cash* mill-hanut.

Ra x-xhieda ta' Diane Mallia.

Ikkunsidra

Illi l-konvenut kien ikkonferma l-firem tieghu u tat-tifel fuq l-*invoices* mahrugin minn Qormi Aluminium.

Illi ghalkemm l-*invoices* kienu hargu fuq J. Peresso, l-konvenut xorta ghamel xi pagamenti.
Illi hemm diversi sentenzi li jiddikjaraw li jekk persuna tidhol f'negozju ghan-nom ta' kumpanija din il-persuna ghandha tinforma l-parti l-ohra li qieghda tidher ghan-nom ta' dik il-kumpanija.

Il-fatt li John Peresso hallas permezz ta' *cheques* mahrugin fuq socjeta' ma jfissirx li l-bejgh sar lil dik is-socjeta'. Illi persuna tista' thallas ghan-nom ta' xi haddiehor. Illi kien il-konvenut li kellu jipprova li s-socjeta' xtrat il-merkanzija u l-konvenut ma gabx provi bizzejjed f'dan is-sens. L-*invoices* esebiti (barra wiehed) huma f'isem John Peresso u ffirmati wkoll minnu. Kieku kien qed jixtri ghan-nom ta' socjeta' l-konvenut kien jassigura li isem is-socjeta' qieghed fuq l-*invoice*. Il-konvenut ma jistax jippretendi li l-attur jivverifika jekk in-numru tal-VAT moghti jaghmilx referenza ghas-socjeta' jew le.

Fil-kawza **Caruana Vs Magro et - Appell 6/10/1999** gie ddikjarat li fil-kontratazzjonijiet tezisti l-prezunzjoni illi bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkuntratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragunevolment jaf li jkun qed jikkuntratta f'isem haddiehor.

Fis-sentenza **Formosa Vs Felice – 6/10/1999 Appell** inghad:

"Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qed jikkuntratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie ffinalizzat."

Illi l-konvenut eccepixxa wkoll il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili. Illi dan l-Artikolu ma japplikax ghall-fatti. Il-konvenut kien jixtri b'mod kontinwu ghal certu zmien sabiex jaghmel negozju b'dak li jixtri u ghalhekk il-kreditu huwa ta' natura kummercjali li huwa preskrivibbli se mai bl-Artikolu iehor li jikkoncedi terminu preskrittiv ferm itwal. (Ara **Ind. Highfield Vs Keith Camilleri et - PA 4/10/1999**).

Illi fit-tielet eccezzjoni l-konvenuti jecepixxu li m'ghandhom ihallsu xejn. Illi l-fatti juru l-kuntrarju. Illi l-konvenut xtara l-merkanzija u ma gabx provi ta' pagamenti ta' l-*invoices* kollha.

Ghaldaqstant filwaqt li jichad ir-Risposta tal-konvenuti, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' elf u tmienja u hamsin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm1,058.79c) u l-ispejjez tal-kawza kif ukoll l-imghax relattiv mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (17 t'Awissu, 2004)."

Il-konvenuti appellaw kontra din is-sentenza b' dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal naqas milli jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni ulterjuri taghhom riferibilment ghall-estinzjoni ta' l-azzjoni bl-gheluq ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f), Kodici Civili;

(2) Il-provi prodotti jsostnu din il-preskrizzjoni, anke ghaliex, kif koncess mill-attur, l-ahhar hlas li sarlu avvera f' Ottubru 1999;

(3) Huwa personalment ma dahal f' ebda negozju ma' l-attur in kwantu dan sar eskluzivament mas-socjeta` John Peresso Aluminium Limited. Dan, skond l-appellanti, hu sopportat mill-*invoices* mibghuta mill-attur u l-fatt tal-hlasijiet mill-kumpanija msemmija;

L-ewwel aggravju hu, *ex facie* il-verbal tat-13 ta' Gunju 2005 (fol. 59), fondamentalment gustifikat. Jidher, effettivament, li lit-Tribunal sfuggielu kompletament dan il-verbal tant li hu ghadda biex okkupa ruhu mill-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2149 (a), Kodici Civili, kontenuta fit-tieni eccezzjoni u li, skond l-imsemmi verbal, giet irtirata. Dan, naturalment, wassal biex it-Tribunal jinjora l-preskrizzjoni eccepita mill-appellanti a norma ta' l-Artikolu 2156 (f), sollevata wkoll fl-istess verbal. F' cirkostanza bhal din il-Qorti ta' revizjoni ma ghandha ebda ghazla hlief li tannulla d-decizjoni tat-Tribunal li naqas li jitratta u jiddeciedi l-preskrizzjoni hekk lilu sottomessa. Ara a propozitu l-konsiderazzjonijiet zvolti mill-Qorti kolleggjali ta' l-Appell fid-decizjoni "**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**", 12 ta' Mejju 1997 u fejn ukoll kienet qamet kwestjoni konsimili ghal dik hawn dibattura. In vista ta' din il-konkluzjoni u ta' dak li jinsab stabbilit fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380, din il-Qorti ser tghaddi 'l quddiem biex tikkonsidra t-talba ta' l-atturi appellati fl-ambitu ta' l-eccezzjonijiet imqanqla, kompriza dik tal-preskrizzjoni sollevata bil-precitat verbal, u tas-sottomissjonijiet orali dwarhom mill-kontendenti;

L-Artikolu 2156 (f) jipprovvdi illi jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin "l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull

kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku". Skond certi provvedimenti applikabbli ghall-preskrizzjonijiet in generali l-kawzi jinkissru jew b' att gudizzjarju prezentat mill-kreditur kontra d-debitur tieghu u lil dan notifikat (Artikolu 2128) jew fejn id-debitur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja (Artikolu 2133) jew bil-hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih (Artikolu 2134). Ta' rilevanza imbaghad hu dak statwit fl-Artikolu 2136, Kodici Civili, jigifieri li meta l-preskrizzjoni tigi miksura, iz-zmien li jkun ghadda qabel ma jghoddx ghalbiex wiehed jippreskrivi, izda l-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-gdid;

Affermati dawn il-principji tal-ligi, minn dak depost mill-attur innifsu (fol. 11), jirrizulta li l-ahhar hlas effettwat mill-konvenut debitur tieghu sar fil-21 ta' Otturbu 1999 (ara ricevuta korrispondenti a fol. 41) u li minn din id-data 'l quddiem ma rceva ebda pagamenti ohra. B' applikazzjoni ta' l-Artikolu 2134 surreferit dan ifisser li l-preskrizzjoni li kienet miexja nkissret b' dak il-hlas akkont in kwantu dan jammonta ghal rikonjizzjoni tad-dejn. Isegwi ghalhekk illi mill-21 ta' Ottubru 1999, skond l-Artikolu 2136 (2) Kodici Civili, rega' beda ghaddej perijodu preskrittiv gdid ta' hames snin. L-azzjoni quddiem it-Tribunal giet mill-atturi ntavolata fis-6 ta' Awissu 2004 u notifikata lill-appellanti fis-17 ta' Awissu 2004 (ara riferta a fol. 5). Li jfisser allura entro t-terminu preskrittiv ta' hames snin ghall-proponiment ta' l-azzjoni;

L-appellanti pero`, nonostante dan, jikkontesta bit-tieni aggravju tieghu, li hu vversa lid-ditta attrici l-ammont ta' mija u hamsin lira (Lm150) raffigurat fil-precitata ricevuta. Dan anke ghaliex, skond kif dikjarat minnu, "cash qatt ma kont inhallas" (fol. 38). Huwa pproduca bhala xhud tieghu lil bintu Diane Mallia (fol. 60) biex din bhal speci tinnewtralizza x-xhieda ta' l-attur li qal li dak il-hlas sarlu in

kontanti mill-hanut tal-*videos* gestit minn bint il-konvenut, Din anzi tafferma wkoll illi l-hanut telqitu f’ Settembru 1999 u f’ dan il-kuntest ipproduciet dokument (fkol. 62) li kien juri d-data tad-9 ta’ Settembru 1999 li fih hi ddisponiet mill-i*stock*. Naturalment l-iskop ta’ din il-prova saret biex tiddiskredita l-fatt mistqarr mill-attur illi l-hlas surreferit sarlu fil-21 ta’ Ottubru 1999;

Minn dawn il-fatti huwa evidenti l-element ta’ konflittwalita` fil-versjonijiet. Dan pero` mhux bizzejjed biex jikkonfondi daqstant lill-Qorti li ma tiddecedix b’ kuxjenza kwieta jew li ghall-kaz tapplika r-regola ta’ “*indubio pro reo*”. Ibda biex il-fatt ta’ l-esebizzjoni tad-dokument manifestanti t-trasferiment ta’ xi *stock* lil terza persuna ma jgibx ghal daqshekk biss illi l-hanut tal-*videos* inghalaq proprju fid-data tad-9 ta’ Settembru 1999 precitata f’ dak l-istess dokument. Kif lanqas ma hu barra mill-ordinarju anke fost kummercjanti illi debitur jissalda l-kont tieghu kemm b’ cekkijiet kif ukoll b’ cash. Dak li hu cert pero`, ghax hekk hu konfessat minnu, hi d-dikjarazzjoni tieghu li hu stess ma kienx jiftakar l-ahhar pagament li ghamel (ara xhieda tieghu a fol. 14). Minn dawn il-ftit osservazzjonijiet din il-Qorti, fuq il-bazi tal-provi forniti fil-gudizzju, ma tistax teskludi illi verament l-ahhar pagament li sar lill-attur kien fil-21 ta’ Ottubru 1999 kif korroborat mir-ricevuti. Din ic-certezza morali indotta fil-Qorti mir-riflesssjonijiet maghmula, ghandha allura ssostni lill-versjoni ta’ l-atturi u mhux dik tal-konvenuti. L-ewwel zewg aggravji qed jigu ghalhekk respinti;

Jifdal li jigi konsiderat l-ahhar aggravju fejn l-appellanti qeghdin jikkontendu illi huma personalment ma kellhom ebda rapport negozjali ma’ l-atturi;

Kif ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet “**Anthony Caruana *et* -vs- John Magro *et***”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999, “f’ negozju semplici ta’ komprovendita, il-Qorti kellha biss tistabilixxi min biegh u min xtara, jekk il-merkanzija gietx

konsenjata u gietx accettata, minn min u lil min u jekk il-prezz taghha kienx gie imhallas kollu u jekk le, ghaliex”;

Issa l-appellanti John Peresso mhux qed jiddisputa illi l-prodotti sopportati mill-fatturi esebiti minn fol. 17 sa fol. 35 ma nxtrawx jew ma gewx accettati minnu.  Huwa pero ` jikkontendi li dawk l-istess prodotti gew akkwistati mis-socjeta John Peresso Aluminium Limited rapprezentanta minnu (ara Statut tal-Kumpanija a fol. 42).  Biex jaghti fidi lil din l-asserzjoni tieghu huwa esebixxa dokumenti “*cash sale*” tad-ditta attrici datata 30 ta’ Marzu 1998 (fol. 52) fejn fiha hemm indikat isem il-kumpanija.  Huwa jostni wkoll illi l-hlasijiet saru b’ cekkijiet tal-Kumpanija u li l-*VAT number* fuq l-*invoices* prezentati mill-attur kien jikkorrispondi ghal dak tal-kumpanija.  Izid jghid inoltre li hu kien informa lill-attur li ghandu kumpanija u li fuq il-*workshop* ghandu tabella li turi l-isem taghha;

Fil-presenza ta’ dawn il-provi migjuba mill-appellanti t-Tribunal xorta wahda, b’ motivazzjoni ragonata u bl-assistenza tal-gurisprudenza minnu citata, wasal ghall-konkluzjoni illi l-konvenuti ma kkonvincewx illi l-prodotti hekk mixtrija kienu effettivament qed jigu komprati mis-socjeta` msemmija u li dan il-fatt kien kekk maghruf mill-atturi vendituri fil-mument tal- bejgh;

Hi presunzjoni “*juris tantum*” sostenuta mill-gurisprudenza, illi persuna normalment tikkontratta ghaliha nnifsiha sakemm ma tindikax li qed tikkuntratta f’ isem haddiehor u li dan il-fatt ikun ingieb a konjizzjoni tal-parti l-ohra fil-kuntrattazzjoni jew jekk ma jindakahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qed jikkontratta ghal haddiehor.  Ara f’ dan is-sens “**Philip Galea Souchet -vs- Michael Falla**”, Appell Kummercjali, 4 ta’ Mejju 1973 u “**Joseph Chetcuti *nomine* -vs- Peter Paul Camilleri**”, Appell, 4 ta’ Dicembru 1988.  Issokta jigi precizat li l-prova kuntrarja kellha tispetta l-persuna li hekk jallega li kien qed jidher f’ isem u ghan-nom ta’ haddiehor. “Dan  mhux biss kellu jipprova li hu kien qed jagixxi bhala

mandatarju ta’ haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha kien qieghed jikkuntratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat” (“**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999);

Kunsiderati l-fatti f’ dan il-kaz din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, tasal ghall-konkluzjoni li r-relazzjoni negozjali li setghet tinholoq kienet bejn l-attur u l-konvenut personalment u hu dan li allura jrid jirrispondi ghat-talba ta’ l-attur kif proposta. Fis-sostenn ta’ din il-konluzjoni l-Qorti qed taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Fl-ewwel lok, ir-relazzjoni guridika temergi mill-fatt illi l-ligi stess tqis li ghandu jwiegeb ghall-hlas ta’ oggetti mixtrija dak li effettivament ikun ipjazza l-ordni u jkun ha kunsinna taghhom. Ara d-disposizzjonijiet relattivi taht l-Istitut tal-Bejgh fil-Kodici Civili;

(2) F’ dan il-kaz, imbaghad, mill-fatti kif pruvati, il-fatturi esebiti jiggustifikaw lill-atturi meta dawn agixxew kontra l-konvenuti personalment. Minnhom, kif anke rilevat mit-Tribunal, ma hemm ebda indikazzjoni li l-prodotti gew konsenjati u accettati minn xi socjeta` jew fis-sede azjendali taghha. Dejjem minnhom ukoll min iffirma fuqhom li ha l-konsenja, u f’ dan hu kompriz l-istess konvenut appellant, ma indikax li hu kien qed jaghmel hekk ghan-nom ta’ xi socjeta. Ara, in vista tax-xebh mal-fatti tal-kawza odjerna, id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell tal-25 ta’ Mejju 2001 in re: “**Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri *et***”;

(3) Il-fatt li fuq dawn l-*invoices* hemm indikat il-VAT *number* ma jfisserx u ma jgibx ghal daqshekk illi l-attur kien xjenti li l-prodotti kienu qed jinxtraw mill-kumpanija. Lanqas ma jaghmel prova newtralizzanti d-dokumenti inidkanti isem il-kumpanija “J. Peresso Ltd”, esebit mill-appellanti a fol. 52. Ibda biex dan kien “cash sale” u, dippju, jidher li l-VAT *number* fuqu hu distint minn dak indikat fuq il-fatturi prodotti mill-attur;

(4) Lanqas ma taghmel prova kuntrarja l-allegazzjoni li certi hlasijiet saru b' cekkijiet tal-kumpanija, billi, kif saput, terza persuna tista' tissalda kontijiet ta' haddiehor. Ara Artikolu 1148, Kodici Civili;

(5) Maghdud dan, anke kieku kellu ghall-grazzja ta' l-argument jinghad li jezisti dubbju fl-interpretazzjoni u l-apprezzament tal-fatti, l-istess kien igib f' kaz bhal dan illi "wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f' isimha proprju" ("**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999);

(6) Fil-kumpless, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi jezistu bizzejjed elementi probatorji, kif hekk jidher ukoll mill-motivazzjoni tat-Tribunal, biex jista' jigi konkluz illi l-attur Emanuel Spiteri, li mieghu sar in-negozju, ma kienx ragonevolment jaf li l-konvenut kien qed jikkontratta f' isem il-kumpanija tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata bl-akkoljiment ta' l-ewwel aggravju, bis-setgha lilha konferit bl-Artikolu 8 (4) ta' l-Att V ta' l-1995 tiddeciedi l-kawza, billi, prevja r-rigett ta' l-aggravji l-ohra fil-meritu, tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta u b' hekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma reklamata fl-ammont ta' elf u tmienja u hamsin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm1058.79,0) bl-interessi mid-data tan-nofitika ta' l-avviz (17 ta' Awissu 2004). L-ispejjez tal-prezenti istanza jitbatew mill-konvenuti appellanti; dawk tat-Tribunal jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------